**L-ISTEMMA EPISKOPALI TAL-E.T. MONS. ALFRED XUEREB**




**| Il-motto episkopali |**

Bħala motto episkopali tiegħu, Mons. Xuereb għażel il-frażi bil-Latin meħuda mill-Vanġelu ta' San Ġwann, kap. 17, vers 21: "Ut unum sint". It-traduzzjoni għall-Malti hija: "Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda". Dan huwa l-kliem li Ġesù jgħid bħala talba lill-Missier fl-Aħħar Ikla sabiex wara mewtu d-dixxipli jibqgħu magħquda fil-Ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja.

Fil-qosor tiegħu dan il-vers jesprimi biċ-ċar il-missjoni tan-Nunzji Appostoliċi mibgħutin mill-Papa madwar id-dinja. Huma msejħa biex bil-ħidma tagħhom il-Knisja Kattolika tkompli tissaħħaħ fl-għaqda mas-Suċċessur ta' Pietru u l-popli jersqu iktar lejn xulxin fil-paċi u l-ftehim.

**| Interpretazzjoni tal-istemma episkopali |**

Peress li Mons. Xuereb ġie elett bħala Arċisqof, fl-istemma naraw is-sinjali karatteristiċi ta' stemma arċiveskovili: il-kappell aħdar b'għoxrin ġummiena u s-salib partijarkali b'żewġ dirgħajn orizzontali n-naħa ta' fuq tal-istemma.

Fil-parti ewlenija tal-istemma hemm is-Salib ta' Malta, li jfakkar l-oriġni Maltija ta' Mons. Xuereb. Dan jinsab fuq sfond lewn id-deheb, lewn li peress li hu l-ewwel wieħed mill-metalli, hu tradizzjonalment assoċjat mal-ewwel virtù, il-Fidi.

Fil-ġnub tan-naħa ta' fuq hemm żewġ simboli fuq sfond aħmar meħuda mill-istemmi pontifiċji taż-żewġ Papiet li tagħhom Mons. Xuereb kien Segretarju: l-imħara mill-istemma tal-Papa Benedittu XVI, u x-xemx tal-Kumpanija ta' Ġesù mill-istemma tal-Papa Franġisku.